MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 73/2007

Il-Pulizija
(Spt. Pierre Grech)
Vs
Ivan Dolac

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' Frar, 2007, u matul ix-xahrejn qabel din id-data,

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni

d-droga w minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta,  meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba’ u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regoli ta’ 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi,  Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Frar, 2007, li biha,  wara li rat ir-Regolament 4 u 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), ir-Raba’ u s-Sitt Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kif ukoll l-Artikoli 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni hekk kif migjuba kontrieh u lliberatu minnha, izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrieh u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-26 ta’ Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tat-tieni akkuza w tirrevokaha f’dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel akkuza w minflok issibu hati wkoll ta’ din l-akkuza w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe’ :- 1. Li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi ghaliex nonostante l-ammissjoni tal-appellat, deherilha li kellha tilliberah mill-akkuza ta’traffikar u dan peress li kien hemm dubju f’ mohha “*li jista’ jkun li ma fehemx kollox*” u ghax kien hemm nuqqas ta’ koerenza fir-risposti li ta lill-Pulizija li kienu qed jinterrogawh, mentri skond l-appellant ma kienx hemm din l-inkorerenza. 2. li l-piena ma kienetx wahda idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz. L-appellant staqsa x’ utilita’ ghandha liberazzjoni bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ai termini tal-art. 22 tal-Kap.446 jekk l-appellat isiefer mill-pajjiz? L-akkuza li taghha nstab hati hija wahda serjissima w timmerita piena karcerarja effettiva.

Rat id-Digriet taghha tas-17 ta’ Mejju, 2007, li bih in vista tal-fatt li l-appellat iddikjara li ftit jaf bl-ingliz, innominat lil Dragana Stoiljikovitch bhala interpretu mill-Ingliz ghas-Serb u vice versa;

Rat id-Digriet Taghha tal-istess data li bih innominat lill-Avukat Dottor Malcolm Mifsud bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali biex jassisti lill-appellat fis-smiegh ta’ dan l-appell u tatu zmien biex jistudja l-process u jitkellem mall-appellat ;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta’ Mejju, 2007, li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li ghalkemm l-appellat qed jallega li ma jafx bl-Ingliz , it-trattazzjoni, biex tiffacilita il-kompitu tal-interpretu nominata mill-Qorti, ghandha ssir bl-Ingliz, b’ dana pero’ li l-procedura ghandha titkompla bil-lingwa Maltija li tigi tradotta bl-Ingliz lill-interpretu mill-istess Qorti .

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; "**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the*

*witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone*.” (Ara wkoll **BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi din il-Qorti kif preseduta kellha diversi okkazzjonijiet tippronunzja ruha li dan il-kriterju ghandu ukoll jiggwidha f’ kawzi fejn l-appellant ikun l-Avukat Generali jew il-kwerelant .

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta’ nuqqas ta’ htija dwar l-ewwel imputazzjoni ta’ traffikar tad-droga eroina.

Illi meta l-appellat tressaq b’ arrest quddiem l-Ewwel Qorti fil-11 ta’ Frar, 2007, debitament assistit minn Dr.Patrick Valentino, kien wiegeb li kien hati tat-tieni akkuza (ta’ pussess tad-droga eroina) izda mhux hati tal-ewwel akkuza ta’ traffikar tal-istess droga. (ara. fol. 7). B’dana kollu minkejja li l-ammissjoni kienet wahda limitata ghat-tieni akkuza, l-Ewwel Qorti stranament donnha rrikorriet ghall-procedura taht l-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, u wara li “*tat iz-zmien rikjest mill-ligi, sabiex l-imputat jikkonsidra l-ammissjoni (Sic!) tieghu”,* u wara li saret trattazzjoni fuq il-piena, u wara li l-imputat umbaghad ikkonferma l-ammissjoni tieghu (f’ dan l-ordni kronologiku!) minghajr ma semghet il-provi fuq l-ewwel akkuza li ma kientx giet ammessa, ddifferiet il-kawza ghas-sentenza fil-15 ta’ Frar, 2007. (fols. 3 u 4).

Minkejja dan il-verbal, bla ebda raguni jew spjegazzjoni (ghall-inqas verbalizzata) fil-15 ta’ Frar, 2007, minnflok ma nghatat is-sentenza, l-Ewwel Qorti semghet erba’ xhieda tal-Prosekuzzjoni, u wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet ghalqet il-provi taghha, w l-imputat, assistit minn Dr. Valentino, ddikjara li mhux ser jixhed u li m’ ghandux provi, u wara li l-partijiet ittrattaw il-kawza, l-kawza giet deciza.(fols. 10 u 11).

Illi minn dawn il-verbali u mill-ezami tal-atti l-ohra tal-kawza, jidher li l-Avukat Generali mhux korrett fl-

asserzjoni tieghu li l-appellat kien ammetta l-akkuzi ghall-inqas quddiem l-Ewwel Qorti, ghaliex kien hemm biss ammissjoni parzjali ta' akkuza wahda minn tnejn. Ghalkemm l-agir tal-Ewwel Qorti fl-ewwel dehra tal-appellat quddiemha kien aktar konformi ma dak fejn ikun hemm ammissjoni kompleta fuq l-akkuzi kollha meta jkun japplika l-art. 392A fuq imsemmi, fit-tieni udjenza donnu kien hemm ripensament u nstemghu l-provi tal-prosekuzzjoni.

Issa minn dawn il-provi jemergu s-segwenti rizultanzi :-

**L-Ispettur Pierre Grech** (fol. 12 et seq.) xehed li fid-9 ta' Frar, 2007, il-Pulizija tad-Drug Squad irceviet informazzjoni li go residenza f' Paceville, fejn kienu jghixu xi barranin, kien hemm suspett ta' attivita' ta' droga. Il-Pulizija marru gor-residenza fl-indirizz 10, Sunbeam Flats , Gort Street, Paceville , St. Julian's li rrizulta li kien mikri lill-appellat u li kellu zewg "*guests*". Waqt it-tfittxija nstabu "*paper sachets*" u *magazine* li minnhu kellu xi pagni maqtughin li kienu jaqblu mall-karti tas-*sachets*. Ghalhekk l-appellat, it-tfajla tieghu w certu Marinkovic, li kienu mieghu, gew arrestati. T-tfajla giet rilaxxjata w Marinkovic kien tressaq il-Qorti fi proceduri separati.

Hu kien kellem lill-appellat bl-Ingliz fil-prezenza ta' PC 246 Vincent Cesare, wara li nghatat is-solita twissija. Fl-istqarrija tieghu l-appellat ammetta li kien jabbuza mill-eroina w li ghal xi zmien kien biegh pakketti ta' eroina. Ma kienx zvela min kien is-*supplier* tieghu .Wara li din l-istqarrija nqrat lill-appellat minn PC 279 Kevin Gauci, l-appellat iffirmaha.

L-ghada meta mar biex ikellem lill-appellat, dan kien qallu li anki hu ried ikellmu w kien offra li hu jaghmel *"controlled delivery"* imma fil-fatt din ma kienetx prattika li ssir u ma saritx. Esebixxa tlitt *sachets* kontenenti sustanza suspettata li kienet eroina w xi karti ohra, inkluz *magazine* u *mobile phone*. Esebixxa ukoll il-fedina penali w l-istqarrija tal-appellat.

**In kontro-ezami, l-Ispettur** xehed li l-appellat ma kienx talab interpretu w kien qallu li jistghu jikkomunikaw bl-Ingliz. Allura hu kien qallu li ser juza Inglizi semplici kemm jista' jkun u meta staqsieh jekk kienx qed jifhmu, l-appellat kien wiegbu li kien qed jifhmu. Kull tant kien joffrilu kafe' u kulltant anki qalu xi cajta bejnthom biex l-ambjent ma jkunx tez u l-appellat kien qed jifhem kollox. Hu uza Ingliz semplici billi l-appellat ma kienx Ingliz. Ma kienx il-kaz li waqt li kien qed jiehu l-istqarrija li beda jinnota li mir-risposti l-appellat ma kienx qed jifhem id-domandi li x-xhud kien qed jaghmillu, assolutament. Konfrontat b' certi brani mill-istqarrija mill-Avukat difensur, fejn skond id-difiza kien hemm xi inkonsistenza jew nuqqas ta' koerenza li setghet indikat lix-xhud li l-appellat ma kienx qed jifhem, ix-xhud tenna li l-appellat kien qed jifhem. L-Ingliz tal-appellat ma kienx "*fluent*" imma *"very communicative"*. Ma staqsiehx jekk l-Ingliz hux is-"*second language*" jew it-"t*hird language*" tieghu jew jekk jitkellmux bl-ingliz f' pajjiizu, li kien jinterassah kien jekk l-appellat kienx hu jitkellem bl-ingliz. Jaf li fis-Serbja ma jitkellmux bl-Ingliz.

Fl-istqarrija tieghu (Fols.20 sa 22) l-appellat qal li kien qed jifhem meta l-Ispettur kien qed jitkellem bl-Ingliz. Kien ilu Malta tlitt xhur u din kienet it-tieni darba li kien gie Malta. Is-sena ta' qabel kien qaghad hawn disa' xhur, bejn Jannar u Settembru. Kien jahdem bhala pizzaiuolo. Kien rega' rritorna Malta f' Novembru, w f' dawk l-ahhar tlitt xhur ma kienx qed jahdem. Hu jghix Lubjana. Il-professjoni tieghu hija dik ta' *manage*r fl-industrija tal-*car parts*.

Zied jghid testwalment :-

*Q. Do you abuse of any drug?*
*A. Yes. I use heroin.*
*Q.For how long are you abusing of heroin?*
*A. I started taking heroin in Ljubjana in the year 2000. I used for about two years and then I made an anti-addiction programme. Sometimes I used heroin and stopped again. I started taking heroin about two months ago in Malta .*

*Q. In Malta, did you ever abuse of any other drug except for heroin?*
*A. No*
*……….*
*Q. Were all three packets of heroin yours?*
*A. Yes.*
*…*
*Q. But you sold drugs to other people , isn't it?*
*A.* ***To be honest yes.***
*Q. And Marinko?*
*A. For sure not.* ***I sold, only me.***
*Q. Did you sell any other drug apart from heroin?*
*A.* ***I sold only heroin****.*
*Q. Did you ever sell any drug or gave drugs to someone else?*
*A.* ***No****.*
*Q. For how long are you selling heroin?*
*A.* ***For one month.***
*Q. For how often did you sell heroin during this month?*
*A.* ***Maybe ten packets during this month.***
*………*
*Q. How much do you pay for the heroin you buy from this Arab?*
*A. Lm5 a packet.* ***Then I make more from them to sell them****.*
*Q. To whom do you sell heroin and for how much?*
*A.* ***I sell a packet for Lm5 to people whom I know in Paceville. They phone me on my mobile phone number 99051027 and I meet them in the street. "***
(Emfasi ta' din il-Qorti)

**PC 246 Vincent Cesare** (fol. 24 et seq.) xehed li kien qed jagharaf u jikkonferma l-firma tieghu fuq l-istqarrija tal-appellat. Il-lingwa wzata fit-tehid tal-istqarrija kienet l-Ingliz. Dolac kien qed jifhem dak li kienu qed jghidulu. Anki meta hu mar ghalih il-*lock-up* biex jiehdu fl-ufficcju tal-Ispettur kien kellmu bl-Ingliz u Dolac fehmu. L-istatement kien qrah lill-appellat PC 279 Kevin Gauci.

In kontroezami, x-xhud qal li meta Dolac tkellem bl-Ingliz hu kien fehmu. Meta staqsewh jekk iridx interpretu kien qal li ma kienx hemm bzonn u hu qatt ma talab interpretu.

Kemm l-ispettur kif ukoll hu kienu staqsew domandi lill-appellat. Hu Kien staqsieh iridx kafe' u Dolac irrisponda li ried u biz-zokkor. Hu kien staqsieh domandi generali bhal jekk kienx mizzewweg u minn fejn kien,u cioe' s'Slovenia. Dolac kien qallu li siehbu kien mis-Serbja w li kien *"very hard"* li tghix fis-Serbia

**PC 279 Kevin Gauci** (fol. 29 et seq.) xehed li hu kien qed jagharaf lill-appellat Dolac. Fid-9 ta' Frar, 2007, jum tal-Gimgha, kien mar ma PC 1 go Sunbeam Flats, 10, Gort Street, Paceville, fejn ufficjali ohra tad-Drug Squad kienu qed jaghmlu tfittxija fl-appartament. PC 1220 sab erba' pakketti *"containing brown powder"* u mbaghad PC 213 eleva pakkett iehor mid-WC . Kienu ukoll sabu *magazine* b' pagni neqsin minnu. Gharaf id-dokumenti esebiti. Hu kien kellem lill-appellat fuq il-post diversi drabi w, meta aktar tard wara nofsinhar l-ispettur kien qed jiehu statement, kien ix-xhud li qrahulu lill-appellat. Hu dejjem kellem lill-appellat bl-Ingliz u hu fehmu sew u dejjem kien qed jifhmu. Hu kien qrahulu b' mod li seta' jifhmu. U meta qrahulu, qal : "Ok."

**In kontroezami**, x-xhud qal li hu kien dahal biss fl-ahhar tal-istatement. Hu kien fl-ufficcju ghal xi ghaxar minuti, meta l-istatement kien kwazi spicca. Hu kien baqa' ftit fl-ufficcju biex jara l-ispettur kellux bzonn xi haga ohra. Meta hu kien prezenti, l-appellat ma staqsiex ghall-interpretu w lanqas l-ispettur ma staqsieh riedx interpretu. Hu jaqra bl-ingliz "*not so fast*". Waqt li qed jaqralu x-xhud beda jhares il-hin kollu lejn l-appellat u dan tal-ahhar il-hin kollu beda jaghmel b' wiccu li "*he is ok".* Mistoqsi ghala hass il-bzonn li jaqra b' dan il-mod, ix-xhud wiegeb il ghaliex l-appellat mhux Ingliz u ghalhekk trid toqghod aktar attent meta qed taqralhu b' lingwa li ma kienetx tieghu. Waqt li qed jaqralu l-appellat "*always made a sign that he was understanding very well what he was saying"*. Kieku ma kienx qed jifhem, kien jghid.

**PC 1348 Joseph Campbell** (Fol. 35 et seq.) xehed li kien qed jaghraf lill-appellat u fl-10 ta' Frar, 2007, ghall-habta tat-3 pm l-Ispettur Pierre Grech kien ordnalu biex

imur igib lill-akkuzat mill-*lock-up* ghall-ufficcju tal-Ispettur. Waqt din l-iskorta, tkellem mall-appellat bl-Ingliz u hu tkellem u kkomunika mieghu normalment u tajjeb. Anki fl-ufficcju tal-ispettur l-appellat iddecieda li jikkolabora maghhom u tahom informazzjoni bl-Ingliz u kkomunikaw perfettament. L-informazzjoni li kien tahom bl-Ingliz l-appellat kienet tirrigwarda kemm kien qed ihallas biex jixtri d-droga, kemm kien jixtri u minn fejn. Minn fejn kien jigi l-persuna li kien igib id-droga, x' vettura kellu w kemm kien idum biex jasal bil-car, kemm hu kien idum mieghu fil-karozza biex jaghmel id-*deal*. Kien semma prezz ta' LM125 ghal hames grammi. Li kien ihallas lil dan il-Malti dawn il-flus. Il-Malti jmur x' imkien vicin bil-car u jerga' jigi lura w jatih id-droga. Qal li din ghamilha qabel u mhux l-ewwel darba. Mistoqsi ghala l-Pulizija ma ghamlux l-operazzjoni ta' *"controlled delivery",* wiegeb li ma setghux jaghmlu l-operazzjoni pero' ghax kienet ix-xita, ma kellhomx il-flus u ma kellhomx il-*personnel* biex jaghmlu did-deal.

**In kontroezami** ix-xhud qal li mid-domandi dwar l-informazzjoni saru kollha fl-ufficcju tal-Ispettur u waqt li hu kien qed jiskorta lill-appellat mil-*lock up* tkellmu biss bhala "*chatting"* li ried jikkollabora mall-Pulizija. Tkellmu u ftehmu sew bl-Ingliz u r-risposti li beda jaghti l-appellat kienu *"definitely*" jaghmlu sense. Fis-siegha li kien dam mall-appellat, inkluz il-hin fl-ufficcju tal-Ispettur, seta' jghid li l-appellat kien qed jifhem sew bl-Ingliz. Fil-prezenza tieghu ma ssemmiex lil min kien ibiegh id-drogi imma biss minn fejn hu kien jixtri.

Kif gja intqal fuq, l-appellat , debitament assistit, la xehed u lanqas gab provi.

Ikkonsidrat

Minkejja li kienu jezistu dawn il-provi inkontestati fuq riprodotti, l-Ewwel Qorti hasset li kellha taccetta it-tezi tad-difiza li l-appellat ma kienx qed jifhem il-mistoqsijiet li kienu qed isirulu. Ghalhekk irriteniet li l-proskuzzjoni ma kientx ippruvat il-kaz taghha lill-hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ghaliex l-appellat ma kellux interpretu

waqt l-istqarrija. l-Ewwel Qorti qalet li ghandha suspett fondat li l-appellat kien fil-fatt fehem – jekk mhux kollox, kwazi kollox ta' x' hiex kien qed jigi mistoqsi mill-Pulizija u x' kien qed iwiegeb izda kien hemm dubju f' mohh il-Qorti li jista' jkun li ma fehemx kollox. Fil-fatt, kif qalet id-difiza, certi risposti moghtija fl-istqarrija huma nieqsa mill-koerenza. Inoltre qalet l-Ewwel Qorti ma gie redatt ebda process verbal, jew repert tas-sustanza suspettata jew almenu ta' kif instabet is-sustanza. Il-Qorti kienet sprovvista minn certu dettalji bhal per ezempju l-kwalita' tad-droga li nstabet, jew lista ta' numri tat-telephone ta' terzi li l-imputat jixtri minn ghandhom jew jittraffika lilhom u ma giex ezaminat l-apparat cellulari tal-imputat sabiex wiehed jara hemmx provi f' dan ir-rigward. Peress li l-Prosekuzzjoni strahet biss fuq l-istqarrija tal-imputat u l-Qorti kellha taghti l-beneficcju tad-dubju li l-imputat seta' ma fehemx ir-risposti li ta, fin-nuqqas ta' provi ohra indizjarji, ma kellhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni ta' traffikar.

Ikkonsidrat;

Illi fil-kamp penali, dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa ukoll bhala l-statement jew stqarrija tal-imputat jew akkuzat - hija l-*prova regina* li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid, jew b' biza' , jew b' weghdiet jew twebbil ta' vantaggi. (art. 658 tal-Kodici Kriminali).

Issa f' dan il-kaz ma saret l-ebda prova li l-istqarrija ma kienetx ittiehed volontarjament jew li kienet inficjabbli minnhabba xi wahda jew aktar mill-kawzi fuq imsemmija li jaghmluha inammissibbli. Lanqas ma saret l-icken prova li tista' tifa' xi ombra ta' dubju fuq dak li xehdu l-ufficjali tal-Pulizija li kienu prezenti ghaliha u cioe' li l-istess appellat kien qal li ma kellux bzonn interpretu w li deher li kien qed jifhem kull domanda li kienet qed issirlu bl-Ingliz u li meta nqratlu l-istqarrija kompleta wara li spiccat, hu ikkonferma l-kontenut taghha. Hu ghazel li jiffirmaha kif kienet inqratlu w ma jidher li sab ebda diffikolta' biex jikkonfermaha. L-

ghada, meta rega' baghat ghalih l-Ispettur, mhux talli ma talabx li jibdel xi haga li kien qal fil-jum ta' qabel, imma addirittura offra li jaghti aktar informazzjoni dwar is-*supplier* tieghu bil-ghan li forsi ssir "*controlled delivery*" u fil-fatt ta din l-informazzjoni. Ghalhekk it-tezi li ssottomettiet id-difiza tal-appellat quddiem l-Ewwel Qorti li l-appellat ma fehemx x' kien qed jigi mistoqsi, hija biss illazzjoni prospettata mill-abbli difensur w xejn aktar u ma hemm xejn li jirrendiha accettabbli lanqas biss sal-grad tal-probabbli.

Din il-Qorti rriproduciet il-brani rilevanti tal-istqarrija tal-appellat aktar il fuq f' din is-sentenza biex jigi illustrat kif minn dak li ntqal jigi li l-appellat ammetta b' mod inekwivoku li kien ibiegh id-droga li jixtri, jew parti minnha lil terzi. Dan qalu w rrepetieh aktar minn darba w sahansitra qal li kienu jcemplulu fuq il-mobile phone xi hbieb li kien jaf Paceville u jaqdihom.  Veru li darba minnhom mistoqsi :

"*Did you sell any drug or gave* (Sic!) *drugs to someone else?"* wiegeb : "*No."* pero' tenna ghall-aktar minn darba li "**to be honest**" iva kien ibiegh, li **hu biss** kien ibiegh , siehbu le, u kif kien ibiegh u lil min u li kien ilu ibiegh l-eroina madwar xahar, li fih biegh xi ghaxar pakketti.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn ikollha l-icken dubju ragjonevoli mill-htija tal-akkuza ta' traffikar li giet ammessa ripetutament mill-appellat fl-istqarrija tieghu.

Jekk l-appellat stess kien qal li ma kellux bzonn interpretu, l-Pulizija ma kellhiex ghalfejn iggiblu wiehed.  Lanqas kien hemm bzonn li jsir process verbal jew repert  jew xi prova dwar il-kwalita' tad-droga f' dan l-kaz, ghaliex l-appellat ammetta anki quddiem l-Ewwel Qorti l-pussess semplici tad-droga eroina, li sabu l-Pulizija fil-flat tieghu. La r-repert u lanqas il-process verbal ma kienu ser jaghmlu differenza ghall-akkuza ta' traffikar, se mai setghu jincidu fuq il-kwistjoni tal-pussess li pero' l-appellat ammetta mall-Pulizija, ammetta quddiem il-Qorti mal-ewwel dehra, u li l-Ewwel Qorti ma gihiex dubju biex issibu hati tal-istess pussess.

Hu minnu li ma sarx analisi tat-telefonati li seta’ kien hemm elenkati fil-mobile phone, imma kieku stess sar dan, ma kien iwassal imkien ghajr li jkun hemm lista ta’ numri tat-telephone fil-process li mhumiex necessarjament rintraccjabbli ghal xi hadd.

Il-Qorti qalet ukoll li kien hemm assenza ta’ provi cirkostanzjali. Pero’ hawn jidher li l-Ewwel Qorti injorat il-fatt li nstabu pakketti go sachets maghmula minn karta ta’ magazine u li nstab ukoll magazine bil-karti neqsin minnhu li kienu jaqblu ma dawk uzati fis-sachets. Issa kieku nstabu is-sachets biss b’ sustanza li l-appellat ma jikkontestax li kienet eroina , forsi din ma kientx tkun prova konklussiva. Pero’ il-fatt li dawn is-sachets kienu maghmula minn karta li ttiehdet minn magazine li sabu l-Pulizija fil-post, jindika li dawn is-sachets gew maqtugha w mitwija fid-dar tal-appellat. Kieku id-droga kienet ghall-uzu tieghu biss ma kienx ikollu ghalfejn joqghod jippakkettjha f’ sachets. Il-fatt li l-appellat ha l-briga li jaghmel dan jindika bic-car li din id-droga kienet destinata biex tigi traffikata lil terzi. Ghalhekk din il-prova indizjarja jmissha nehhiet kull dubju li seta’ kellha l-Ewwel Qorti dwar il-htija tal-ewwel reat.

Umbaghad l-Ewwel Qorti donna ftit ikkonsidrat ic-*circumstantial evidence* dwar il-hajja jew *“life style”* tal-appellat, li ghalkemm jghid li hu *manager* tal-*car parts*, jigi jintefa’ Malta ghal disa’ xhur jahdem ta’ pizzajwol, u jerga’ jigi wara xaharejn u jqatta’ tlitt xhur ma jahdimx u sadattant jista’ jaffordja li jikri flat, izomm it-tfajla, w jixtri d-droga kull darba. Wiehed jistaqsi minn fejn seta’ jaffordja li jghix din il-hajja jekk ma kienx qed jiffinanzja il-vizzju tieghu bil-biegh tad-droga? Din ic-cirkostanza wkoll kellha ssahhah mhux ftit l-ammissjoni tal-appellat li kien jittrafika d-droga w telimina kull dubju li seta’ giha l-Ewwel Qorti fir-rigward.

Ghalhekk il-motivi li gabet l-Ewwel Qorti biex tasal ghall-konkluzzjoni ta’ liberazzjoni, fil-fehma ta’ din il-Qorti jew ma jreggu xejn jew mhumiex tali li jinnewtralizzaw l-

ammissjoni tar-reat dedott fl-ewwel imputazzjoni li tohrog mill-istqarrija tal-appellat.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti hu manifestament zbaljat u l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha kellha ssib il-htija anki tal-ewwel imputazzjoni ta' traffikar dedotta kontra l-appellat. Ghalhekk l-Ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh u konsegwentement irid jigi milqugh it-tieni aggravju dwar il-piena, anki fid-dawl tal-fatt li l-piena karcerarja f' dan il-kaz hija wahda tassattiva.

Pero' din il-Qorti hadet kont ukoll tal-fatt li l-appellat ghandu fedina penali netta u jidher li ikkoopera sew mall-Pulizija, kif ukoll il-kwantita' zghira tad-droga involuta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni w tirrevokaha fejn sabet lill-appellat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni ta' traffikar u fejn illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u minnflok issibu ukoll hati tal-ewwel imputazzjoni ta' traffikar, bl-assorbiment tat-tieni imputazzjoni li serviet bhala mezz biex jigi kommess ir-reat taht l-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, u wara li rat l-istess artikolu 17(h) u 23 tal-Kap, 9, u l-artikoli 10(1) ,12, 14, 20, 22 (1) (a) (1B) (2) (b) (i) u (ii) tal-Kap.101, w r-Reg.4 tar-Regolamenti tal-1939 Ghall-Kontroll Intern tal-medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939), tikkundanna lill-appellat ghall-sena prigunerija w multa ta' hames mitt lira (LM500), li jekk ma tithallasx illum tigi konvertita f' terminu iehor ta' prigunerija skond il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat ;

Tordna ukoll id-distruzzjoni tad-droga esebita (dok. PG 1) a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-

Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi w b’dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b’verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------